**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 524/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Theresa Agius**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Theresa Agius, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 203565(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-23 t' April 2013, f'dawn il-Gżejjer:

i) Kellha fil-pussess tagħha d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienux għall-użu esklussiv tagħha;

ii) Mingħajr l-awtorita' leġittima, daħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs, u ċioe' fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, oġġett ikun li jkun li hu projbit skond xi regolamenti magħmula skond l-Att dwar il-Ħabs, li hu speċifikament mediċina perikoluża u kontrollata (Droga erojina), bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti magħmula taħt l-istess Liġi.

Akkużata ukoll talli matul is-sena 2012 u t-tliet snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

iii) Kellha fil-pussess tagħha d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Theresa Agius mhux ħatja tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u illiberatha minnha, filwaqt illi sabitha ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundanatha għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali għandha titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. *In oltre*, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti kkundannat lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, u ċioe` l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-

somma ta' mija, sitta u ħamsin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€156.17), kif ukoll l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri, ammontanti għas-somma ta' sitta u tletin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€36.65), b'kollox għalhekk is-somma ta' mija, tnejn u disgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€192.82), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien sitt (6) xhur mil-lum. Finalment, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita in atti hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti, ippreżentat fis-27 ta' Frar 2023, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

i) Fid-dawl tal-ewwel tlett aggravji, ossia l-aggravji 'A', 'B', 'C' u 'D', tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitix ħatja tat-tielet imputazzjoni, filwaqt li tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabitha ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u b'hekk tilliberaha minnhom; jew
ii) B'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti ossia għat-talba '1' u l-korrispondenti aggravji 'A', 'B', 'C' u 'D', tvarja l-piena erogata b'piena aktar ekwa u ġusta u dana fid-dawl tal-aggravju 'E'.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju mressaq minnha, l-appellanti tqanqal l-irregolarita' u kwindi l-inammissibilita' tal-proċess verbal bħala prova u dan għaliex dan ma kienx redatt fit-termini tal-liġi bil-Maġistrat Inkwirenti jonqos milli jżomm aċċess fuq il-post hu stess u li jistabbilixxi l-fatti rilevanti fl-istħarriġ dwar l-*in genere*. Tikkontendi illi n-nomina mill-Maġistrat Inkwirenti tal-iSpettur Spiridione Zammit sabiex *"iżomm*

*aċċess minnufih u jistabbilixxi l-fatti rilevanti u jirrelata bil-miktub fi zmien tletin jum"* kienet waħda li tmur kontra d-dettami tal-Kodiċi Kriminali u li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara li dak kollu li rriżulta mill-atti tal-inkjesta, inkluż ir-rapporti tal-esperti maħtura u d-dokumenti elevati, huwa legalment monk, difettuż u għalhekk inammissibbli.

Illi, il-Kodiċi Kriminali jirregola l-proċedura dwar l-*in genere* fl-Artikoli 546 *et sequitur*, liema disposizzjonijiet tal-liġi jistabbilixxu illi jrid isir l-istħarriġ dwar l-*in genere* kull meta jsir rapport, denunzja jew kwerela dwar reat li jġorr piena ta' 'il fuq minn tlett snin priġunerija. Il-Maġistrat Inkwirenti għandu is-setgħa li jinvestiga billi jara li tiġi mqiegħda fiż-żgur ix-xena tad-delitt u li tiġi ppreservata l-evidenza billi fost oħrajn jinħatru esperti forensiċi sabiex jinġabru dawk il-provi diretti jew indiretti jew indizzji rilevanti marbuta mal-*in genere* għal kxif tal-verita'. Wara dan il-Maġistrat ikun jista' jasal biex jistabbilixxi jekk fuq bażi *prima facie* din l-evidenza hekk ippreservata tkunx tista' twassal għal prosekuzzjoni ta' xi reat *in specie* u jekk minn dan l-istħarriġ tistax tirriżulta xi persuna jew persuni li kontra tagħha/hom tista' tiġi varata l-azzjoni penali. Dan kollu il-Maġistrat jirrediġieh fil-*proces verbal* illi fil-Qorti imbaghad jista' jinġieb bħala prova fis-smigħ tal-każ.[1]

Illi, l-appellanti ssib oġġezzjoni għal din il-prova hekk magħmula għaliex, fil-fehma tagħha, ma kienx hemm ottemperanza bi sħiħ mal-kelma tal-liġi u senjatament dak maħsub fl-Artikolu 547 tal-Kodiċi Kriminali meta l-"*aċċess*" ma sarx mill-Maġistrat, iżda minn Spettur tal-Pulizija. Illi minn eżami tat-test ingliż tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar l-istħarriġ dwar l-*in genere*, tintuża il-kelma "*inquest*" li tradotta għall-ilsien Malti tfisser l-istħarriġ ġudizzjarju sabiex jkunu stabbiliti l-fatti kollha relatati ma' inċident. Issa dan l-istħarriġ ġudizzjarju isir, kif ingħad, kull meta l-Inkwirenti jaħtar dawk l-esperti kollha li fil-fehma tiegħu ikunu jistgħu jassistuh fl-*in genere* u minn hemm tigi mnehdija l-inkjesta u ċioe' *the inquest*, mmexxija mill-Inkwirenti. Fil-fatt l-Artikolu 548 jkompli jiddisponi hekk:

[1] Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali.

> **"Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta' dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal."**

Illi, ukoll l-Artikolu 549 jgħid li:

> **"Il-proċess verbal għandu jiġi iffirmat mill-maġistrat jew minn uffiċjal li jkun għamel l-aċċess."**

Illi, jiġi nnutat li l-periti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti, bl-eċċezzjoni tal-iSpettur Zammit, kienu t-tnejn li huma esperti fil-materja li fiha jispeċjalizzaw u apparti minn hekk ma kellhom l-ebda inkarigu sabiex jisimgħu x-xhieda bil-ġurament. Di fatti, PS 644 Evan Camilleri sempliċiment ħa sett ritratti ta' *evidence bag* issiġillata kontenenti s-sustanza illeċita misjuba, filwaqt li l-iSpizjar Godwin Sammut eżamina l-istess u kkonstata l-presenza ta' sustanzi pprojbiti bil-liġi. Sussegwentement, ir-relazzjoni ta' l-Ispizjar Godwin Sammut ġiet inserita fil-*proces verbal* hekk kif tirrikjedi l-liġi filwaqt li r-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri ġiet ippreżentata *seduta stante* quddiem l-Ewwel Qorti meta huwa ddepona fil-qorti. Tajjeb jingħad li dawn iz-zewġ esperti t-tnejn li huma xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fir-rigward tar-rapporti minnhom redatti – l-Ispizjar Godwin Sammut nhar id-9 t'Ottubru 2015, filwaqt li PS 644 nhar l-1 ta' Marzu 2017 – u għalhekk id-difiża qatt ma ġiet ipprivata mid-dritt tal-kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda b'mod li għalhekk kellha kull opportunita' tikkontrolla l-konkluzjonijiet minnhom raġġunti fir-rapporti tagħhom u li għalhekk tistabilixxi jekk setax kien hemm xi irregolarita' fil-mod kif tmexxa dan l-istħarriġ. Fuq kollox s-sub-artikolu (5) ta' l-istess Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali jispeċifika illi:–

> **"Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti."**

Illi din id-disposizzjoni tal-liġi xxejjen il-preġudizzjali sollevata billi in-nuqqas mill-Maġistrat Inkwirenti li jżomm aċċess, u dan skont l-interpretazzjoni mogħtija lil dan it-terminu mill-appellanti, ma jġibx fix-xejn il-*proces verbal*. Illi minn eżami tal-atti tal-*proces verbal* jidher li hemm ottemperanza ma' din id-dispożizzjoni tal-liġi sabiex b'hekk in-nullita' ravviżata hija waħda infondata. Mhux biss, iżda għalkemm il-

*proces verbal* regolarment magħmul jikkostitwixxi prova fih innifsu, madanakollu xejn ma jżomm lil Qorti milli tisma' l-periti u x-xhieda li jkunu nstemgħu matul l-inkjesta:

> **"Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna, għall-istess effett, li jinġieb kull wieħed mill-periti jew mix-xhieda l-oħra li mill-proċess verbal ikun jidher li ġie mismugħ fl-aċċess; u, għaldaqshekk, dan il-perit jew xhud għandu, fil-każijiet kollha ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, jiġi mdaħħal fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali, sabiex jiġi mismugħ, jekk ikun hemm bżonn."**

Illi l-Qorti tinnota finalment illi matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, għalkemm tqajmu diversi lanjanzi minn naħa tad-difiza, madanakollu l-ebda lment ma tressaq dwar l-ammissibbilita' tal-*proces verbal* bħala prova in atti. Huwa odjuż li tali lanjanza titqajjem imbagħad fl-istadju ta' revizjoni, meta issa l-Qorti għandha idejha marbuta bl-irregolarita' lanjata li ma tistax tiġi issanata.

Illi jerġa' jiġi rilevat illi ġaladarba l-proċess verbal *de quo* ġie magħmul regolarment u ġaladarba l-esperti maħtura fil-kors tal-inkjesta maġisterjali t-tnejn li huma reġgħu ittellgħu jixhdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, b'rispett lejn il-kontradittorju, l-ebda irregolarita' jew inammissibbilita' ma tirriżulta.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel aggravju tal-appellanti qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tieni aggravju mressaq mill-appellanti jirrigwarda in-nuqqas ta' akkreditar tal-laboratorju li fih saret l-analiżi tas-sustanza suspettata droga mill-espert xjenzat Dr Godwin Sammut. L-appellanti tiċċita l-*Council Framework Decision 2009/905/JHA* tat-30 ta' Novembru 2009, hekk kif trasposta fid-dritt nazzjonali permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 u tgħid li dawn għandhom japplikaw ġenerikament għal kull laboratorju li fih isir evalwar u annaliżżar forensiku, tkun liema tkun il-materja forensika analiżżata. Kwindi l-appellanti tikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi sabiex tiddikjara bħala inammissibbli, monka u legalment difettuża r-relazzjoni tal-espert xjenzat Dr Godwin Sammut u dana stante li l-laboratorju tal-

*MCCAA Forensic Laboratory Services* mhux akkreditat sabiex fih isir "*drugs of abuse analysis*".

Illi l-Artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 460.31 jispeċifika b'mod ċar l-għan wara l-Liġi Sussidjarja:–

> **"Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:**
>
> **(a) profil tad-DNA; u**
>
> **(b) data dattiloskopika".**

Illi, l-istess Liġi Sussidjarja, kif intqal aktar 'il fuq ġiet trasposta mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew fuq imsemmija, fejn l-oġġettivi ta' l-istess jistabbilixxu li dan il-qafas regolatorju għandu jkopri unikament "***DNA profiles and dactyloscopic data***" għaliex l-istess ***"are not only used in criminal proceedings but are also crucial for the identification of victims, particularly after disasters***". Dan għaliex ***(8) Pursuant to Article 7(4) of Council Decision 2008/616/JHA of 23 June 2008 on the implementation of Decision 2008/615/JHA on the stepping up of crossborder cooperation, particularly in combating terrorism and cross-border crime, Member States shall take the necessary measures to guarantee the integrity of DNA profiles made available or sent for comparison to other Member States and to ensure that these measures comply with international standards, such as EN ISO/IEC 17025 'General requirements for the competence of testing and calibration laboratories' (hereinafter 'EN ISO/IEC 17025').*** Jikkonsegwi għalhekk li l-akkreditar huwa meħtieġ biss għat-teħid tal-impronti tas-swaba' u l-elevazzjoni tat-traċċi ta' DNA u xejn aktar.

Illi huwa minnu ukoll li b'referenza għall-istandards EN ISO/IEC 17025, l-Artikolu 4 tal-LS 460.31 jistipola li –

> **"L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:**
>
> **(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni**

**Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 17025;**

**(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformità mal-EN ISO/IEC 17025".**

Illi dina l-Qorti tisħaq li dan kollu għandu jittieħed fil-kuntest tal-Qafas u ta' dak li speċifikament l-istess qed jirregola. Di fatti l-Qafas jispjega li: –

**"That objective is to be achieved by preventing and combating crime through closer cooperation between law enforcement authorities in the Member States, while respecting the principles and rules relating to human rights, fundamental freedoms and the rule of law on which the Union is founded and which are common to the Member States"**.

Dan ifisser illi l-għan wara id-Deċiżjoni Kwadru huwa illi jkun hemm koperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u dan billi fl-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess attivitajiet kriminali bil-ħtieġa allura li jkunu stabbiliti *standards* komuni għal fornituri ta' servizzi forensiċi. Mhuwiex l-għan wara din il-liġi illi tistabbilixxi regoli ġodda dwar l-ammissibbilta' ta' evidenza jew il-valur probatorju ta'l-istess kif speċifikat fl-artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas innifisha fejn jingħad ċar u tond illi: "**Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza**," bil-Preambolu 16 jispeċifika fl-għanijiet tad-Deċiżjoni Kwadru illi:

***<u>This Framework Decision does not aim to harmonise national rules regarding the judicial assessment of forensic evidence.</u>***

Illi għaldaqstant huwa ormai palezi li din il-liġi tapplika <u>esklussivament</u> għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, aktar -il fuq iċċitat. *In oltre*, l-għan wara l-liġi hija li jkun hemm *standards* fir-rigward tal-attivita' fil-laboratorji forensiċi fl-Istati Membri li jkunu uniformi u mhux li b'xi mod ikun hemm indħil fil-mod kif l-awtoritajiet ġudizzjarji

ta' kull Stat Membru jivvalutaw ġudizzjarjament l-evidenza. Kwindi ma għandux ifisser illi għaliex l-analiżi forensika tad-droga ma tkunx saret f'laboratorju awtomatikament dik l-analiżi hija nieqsa minn valur probatorju jew hija difettuża, kwistjoni li trid tiġi determinata biss mill-evidenza u mhux għaliex ma l-laboratorju ma jkunx wieħed akkreditat.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, dan l-aggravju tal-appellanti qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi fit-tielet aggravju minnha imqanqal l-appellanti tilmenta illi l-*istrip search* li saret fuq il-persuna tagħha hekk kif hija daħlet fil-konfini tal-Ħabs kienet waħda li tmur kontra l-liġi u hija inammissibbli. Tikkontendi b'mod ewlieni illi hija ma ingħatat ebda twissija li kien ser issirilha din it-tfittxija intima u lanqas ġiet infurmatha li setgħet tirrifjuta illi l-uffiċjali tal-Ħabs jagħmlu din it-tfittxija. Finalment tisħaq li ġaladarba l-prova kontriha inkisbet bi ksur lampanti tal-liġi, tali prova kellha tiġi skartata.

Illi, mill-provi prodotti, jirriżulta li nhar it-23 t'April 2013, zewġ uffiċjali tal-Ħabs tas-sess femminili kienu ordnati jagħmlu *strip search* fuq l-appellanti li kienet daħlet fil-konfini tal-Ħabs sabiex tagħmel *contact visit* mal-*partner* tagħha li dak iż-żmien kien jinsab inkarċerat. L-istess uffiċjali xehdu li hekk kif bdew is-*search* fuq l-appellanti, hija tbaxxiet u innotaw li kellha xi ħaġa fil-parti privata tagħha. Dak il-ħin l-appellanti kienet aġitata, neħħiet it-*tissue* li kellha moħbija u ppruvat taħbiha f'idha izda l-gwardjani imbagħad elevaw din it-tissue. Issa għalkemm kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti seta' kien hemm diskrepanza fix-xiehda taż-żewġ uffiċjali tal-Ħabs li sabu d-droga, u dan dwar il-mod kif l-istess kien minnhom interċettat, madanakollu ma hux ikkontestat illi fil-pussess tal-appellanti u preċiżament fil-parti privata tagħha instabet id-droga erojina.

Illi l-Ewwel Qorti tiċċita estensivament mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif ippresjeduta fl-appell *il-Pulizija vs Marouska Azzopardi* deċiża fit-03 ta' Lulju 2020 u a

skans ta′ repetizzjoni il-Qorti żżomm ferm mal-konsiderazzjonijiet hemmhekk minnha magħmula u ma tqisx illi jirriżultaw xi ċirkostanzi partikolari li jistgħu iwassluha titbiegħed mill-fehma hemmhekk espressa.

Illi kif ingħad fis-sentenza ċċitata ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tistipola li l-viżitatur ġewwa l-konfini tal-Ħabs għandu jkun nfurmat li jista′ jirrifjuta li ssirlu is-*search* fuq il-persuna tiegħu. Il-Liġi hija ċara u tgħid li jekk il-vizitatur jagħzel li ma joqgħodx għall-ordni tad-Direttur tal-Ħabs huwa jiġi miċħud permess biex jagħmel iż-żjara. Għalhekk, ma hemm l-ebda konsegwenza oħra ta′ natura penali jew inkriminatorja għal tali rifjut sabiex b′hekk tonqos il-ħtieġa illi jkun hemm xi forma ta′ twissija qabel ma ssir it-tfittxija ġaldarba ma jkun hemm ebda konsegwenza nkriminatorja. X′aktarx huwa għal dan il-motiv illi l-liġi lanqas ma tipprovdi dwar xi twissija li għandha tingħata lil viżitatur qabel ma ssirlu din it-tfittxija u, allura, jekk il-viżitatur ikun jixtieq iżur xi priġunier huwa jrid joqgħod għall-ordni lilu mogħtija jew jiġi mċaħħad il-jedd li jagħmel il-viżta. Illi, *a contrario senso*, allura, din ir-regola tfisser illi kull viżitatur qatt ma jista′ jigi mġiegħel mill-awtoritajiet tal-Ħabs la sabiex jikxef l-identita′ tiegħu u lanqas li joqgħod għal xi tfitxxija li tista′ tiġi mitluba li ssirlu. Fuq kollox il-liġi tagħti il-jedd lil viżitatur li jirrifjuta kemm li jagħti l-identita′ tiegħu kif ukoll li joqgħod għat-tfittxija li tintalab li ssirlu mingħajr ma l-liġi tinneċessita′ illi dan għandu jingħata twissija minn qabel li għandu dritt li jirrifjuta jagħmel dan.

Illi dan il-punt kontrovers kien determinat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Marouska Azzopardi vs Avukat ta′l-Istat***[2] fejn kien hekk deċiż:

> **"15. Il-Qorti żżid li dan il-każ hu differenti minn dak fejn il-liġi tipprovdi li s-suspettat għandu l-jedd tas-silenzju fir-rigward tar-reat li jkun suspettat li wettaq. Dan ma kienx każ fejn l-attriċi ġiet interrogata mill-awtoritajiet tal-ħabs u rrilaxxat stqarrija. Id-dritt tas-silenzju hi għażla li l-liġi tagħti lis-suspettat sabiex jekk irid jirrifjuta li jwieġeb għad-domandi li jsirulu u b′hekk ma jinkriminax lilu nnifsu. L-ewwel Qorti semmiet is-sentenza Saunders v. United Kingdom li tat il-QEDB fis-17 ta′ Diċembru, 1996. Dak il-każ kien jitratta dwar l-użu ta′ stqarrijiet f′proċeduri kriminali. Pero` l-**

[2] 26/10/2022 Rikors Numru 28/21/1

**ewwel Qorti m'għamlitx distinzjoni bejn il-jedd għas-silenzju tas-suspettat u materjal li jista' jinġabar b'mod indipendenti mir-rieda tas-suspettat.**

**"16. Il-provi juru li kien hemm suspett li l-attriċi daħlet fil-ħabs bid-droga u kienet ser tqassamha. Il-fatt li l-attriċi kienet tinsab fil-konfini tal-ħabs meta saret strip search, ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (ara fol. 13 tas-sentenza). Għalhekk it-tfittxija fuq l-attriċi saret in flagrante delicto. Wieħed irid jiftakar li r-reat seħħ f'ħabs, ċioe` post fejn għandu jkun hemm sigurta` massima."**

Illi issa f'dan l-istadju ta' reviżjoni l-appellanti tilmenta illi din it-tfittxija ma saritx in konformita' mal-liġi mhux biss għaliex ma ingħatatx twissija li tista' tirrifjuta li ssirilha it-tfittxija, iżda ukoll għaliex ma hemmx prova in atti illi l-ordni li ssirilha it-tfittxija emaniet mid-Direttur tal-Ħabs. Ma jidhirx illi din il-kontestazjoni tqanqlet in prim'istanza u fil-fatt jidher li ma kienx ikkontestat quddiem l-Ewwel Qorti illi din it-tfittxija saret mill-gwardjani WCO14 u WCO5 wara ordni leġittima lilhom mogħtija. Fil-fatt iż-żewġ gwardjani li għamlu it-tfittxija it-tnejn jikkonfermaw illi dan għamluh wara li ingħataw ordni f'dan is-sens minn PS657, u allura huwa indubitat illi din it-tfittxija ma saritx spontanjament minn dawn il-gwardjani imma għaliex kellhom ordni leġittima sabiex jipproċedu bit-tfittxija, liema tfittxija fil-fatt kellha eżitu pożittiv. Illi din it-tfittxija saret fil-privat minn zewġ gwardjani tal-istess sess fejn l-oġġett illeċitu neħħietu l-appellanti stess mill-parti privata tagħha u dana mingħajr ma kien hemm xi eżami intern mill-imsemmija gwardjani.

Illi, id-Direttur tal-Ħabs għandu s-setgħa skont il-liġi jitlob li jsiru dawk it-tfittxijiet li huma meħtieġa sabiex titħares is-sigurta' ġewwa l-konfini tal-Facilita' fejn huwa għandu awtorita' assoluta. Din l-awtorita' hija mogħtija lilu permezz tar-Regolament 90 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.03:

**90.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ġenerali tal-ħabs <u>u, b'mod partikolari, għaż-żamma tas-sigurtà, tad-dixxiplina u tal-bon ordni fih</u>, għas-saħħa, l-iġjene u l-ġid ġenerali tal-priġunieri u għat-tmexxija tal-tal-programmi ta' taħriġ għall-ksib tal-objettivi ta' trattament.**

Illi għalhekk id-disposizzjoni tal-liġi iċċitata mill-appellanti u ċioe' l-artikolu 355AP tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ billi il-viżitatur fil-Ħabs li fuq

il-persuna tagħha jew tiegħu ssir it-tfittxija ma tinkwadrax ruħha fil-figura tal-persuna arrestata jew detenuta li jitkellem dwarha dan l-artikolu tal-liġi. Illi fil-fatt l-artikolu 355AP huwa mħaddan fis-sub-titolu VIII tat-Titolu I, Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali intestat "Detenzjoni". Il-viżitatur fil-mument li ssirlu it-tfittxija, kif ingħad, ikun jinsab taħt l-awtorita tad-Direttur tal-Ħabs hekk kif jirfes ġewwa il-konfini tal-Faċilita' u ma huwiex meqjus bħala persuna "detenuta" jew "arrestata" u kwindi dan l-artikolu tal-liġi ma jsibx applikazzjoni għal każ issa in diżamina.

Illi fil-kaz *de quo*, iż-żjara in kwistjoni kienet dik li tissejjaħ "*contact visit*", u ċioe viżta li fiha l-viżitatur u d-detenut ma jkunux mifrudin bi ħġieġa iżda jkunu bilqegħda ftit 'il bogħod minn xulxin f'kamra sorveljata. Huwa sensat li f'kazijiet bħal dawn ikun hemm livell akbar ta' kawtela, li tinkludi li ssir *search* sabiex jkun assigurat li ebda ħaġa illegali ma tgħaddi f'idejn il-bniedem inkarċerat, bħal kif kien ser jiġri f'dan il-każ li ma kienx bl-intervent f'waqtu tal-uffiċjali tal-Ħabs.

Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud b'dan għalhekk illi it-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-appellanta kienet wahda konformi mad-dettami tal-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi, ir-raba' aggravju ventilat mill-appellanti jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan meta tisħaq illi mill-provi prodotti ma ġiex ippruvat li d-droga li nstabet ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha u wisq anqas li l-istess droga kienet intiża sabiex tiġi traffikata. Hija tikkontendi illi maħkuma mill-vizzju ta' abbuż ta' droga u kien għalhekk li kellha s-sustanza illeċita fil-pussess tagħha.

Illi minn eżami magħmul mill-Qorti tal-atti proċesswali bil-għan illi tistabilixxi jekk l-konkluzjonijiet raġġunti mill-Ewwel Qorti kenux legalment u raġjonevolment validi, jemerġi illi l-appellanti kienet misjuba ħatja ta' zewġ reati, u ċioe' tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga erojina, kif ukoll li ppruvat iddaħħal l-istess droga erojina ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Huwa fatt inkontestat li fil-pussess

tal-appellanti, instabet id-droga erojina, liema sustanza kellha piż totali ta' 0.22 grammi, hekk kif ikkonstatat mill-Ispizjar Godwin Sammut. Huwa fatt inkontestat ukoll li l-istess droga kienet moħbija fil-parti privata tal-appellanti meta hija marret ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex ikollha "*contact visit*" ma' detenut ili dak iż-żmien kien jinsab inkarċerat.

Illi l-appellanti tisħaq li hi kellha d-droga fil-pussess tagħha għaliex hi stess kienet tabbuża mid-droga u li għalhekk din id-droga kienet tappartjeni lilha. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha tqies din l-affermazjoni bħala waħda inverosimili u ma tara li ma kien hemm ebda mottiv 'il għala l-appellanti, ben konxja tal-fatt illi ma setatx iddaħħal id-droga fil-konfini tal-Ħabs, għażlet li tagħmel viżta lil priġunier bid-droga moħbija fil-parti privata tagħha, minflok ħallietha id-dar jew ikkunsmata qabel ma saret il-viżta. Ma hemmx dubbju illi l-aġir tal-appellanti kien intiż unikament sabiex hija ddaħħal din is-sustanza illeċita ġewwa il-Ħabs u li tgħaddieha lis-sieħeb tagħha waqt il-viżita li kien ser ikollha miegħu. Għal dawn ir-raġunijiet, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellanti fir-rigward ta'l-ewwel u t-tieni akkużi dedotti fil-konfront tagħha u għaldaqstant lanqas dan l-aggravju mressaq minnha ma jistħoqqlu akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata fil-konfront ta'l-appellanti, u ċioe dik ta' tmien xhur priġunerija u multa ta' €900. Tilmenta li din hija ferm eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[3]

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi, minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi l-piena erogata kienet waħda legalment u raġonevolment valida u mhux eċċessiva. *In oltre*, għalkemm l-appellanti tisħaq li llum hija qabdet it-triq it-tajba u qed tipprova tegħleb il-vizzju tad-droga, tinnota li ma ngabet l-ebda prova li tissostanzja din l-affermazzjoni. Illi, għalhekk, l-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta din ġiet biex tikkalibra l-piena. Dan iwassal sabiex anke dan l-aħħar aggravju tal-appellanti jkun respint.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**